MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Appell Civili Numru. 201/2012/1

**Patrick Cellars Limited (C 15930) u Vincent Cachia (ID 580676M)**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tat-22 ta'Lulju 2014, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:

*"Rat ir-rikorsipprezentat minn Patrick Cellars Limited (C 15930) u Vincent Cachia (ID 580676M) fit-8 ta' Gunju, 2012 fejn esponew illi r-rikors qed jigi intavolat ai termini tal-Artikolu 72(2) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta, u skond il-provvedimenti tal-Artikolu 73 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi s-socjeta' rikorrenti tiggestixxi negozju konsistenti fl-importazzjoni u l-bejgh sussegwenti ta' xorb alkoholiku.*

*Illi f'Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) waslet gewwa l-Freeport ta' Malta konsenja ta' xorb destinata lis-socjeta' rikorrenti (vide Dok 2), liema konsenja kienet tikkonsisti f'xorb alkoholiku, f'container li primarjament kien jikkontjeni elfejn mija u hdax (2111)-il kaxxa, li minnhom mitt (100) kaxxa kienu brandy waqt li r-rimanenti kien inbid.*

*Illi bhal ma' tghamel ordinarjament, is-socjeta' attrici nformat lill-agent taghha – cioe' Carmelo Caruana Company Limited – sabiex bhal ma' jigri s-soltu dawn jiehdu hsieb il-proceduri doganali kollha sabiex il-merkanzija tigi rilaxxjata.*

*Illi d-direttur tas-socjeta' attrici kkomunika ma' certu Stephen Vella – mpjegat ma' Carmelo Caruana Company Limited – u ghaddielu l-invoices relattivi ghall-konsenja (vide Dok 1) sabiex dan ikun jista' jiehu hsieb il-proceduri necessarji, u qallu wkoll li l-konsenja kienet wahda ta' inbid.*

*Illi milli jidher meta Stephen Vella kien qieghed jipprocessa l-invoices u jimla' d-dokumentazzjoni doganali, dan ma' ndunax li kien hemm ammont zghir ta' brandy, u ghadda sabiex jipprocessa l-konsenja kollha bhal li kieku kienet wahda maghmula interament minn inbid (vide Dok 3 u Dok 4).*

*Illi meta l-oggetti kienu qed jigu rilaxxjata, ufficjali tad-dwana li kienu qed jiflu l-invoices in kwistjoni indunaw li l-konsenja ma' kintix esklussivament komposta minn inbid u li kien fiha element ta' brandy u konsegwentement ghaddew sabiex izommu l-brandy sakemm isiru l-investigazzjonijiet necessarji (vide Dok 5).*

*Illi sussegwentement fid-dsatax (19) t'April tas-sena elfejn u tnax (2012) id-Dipartiment tad-Dwana hareg Nota ta' Qbid bin-numru 29/2012 (vide Dok 6) li permezz taghha x-xorb indikat fl-istess Nota gie kkonfiskat, u r-rikorrenti gew ukoll informati li setghu jikkontestaw tali qbid ai termini tal-Artikolu 72(2) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi r-rikorrenti, ai termini tal-istess sub-artikolu bghatu avviz (vide Dok 7 u Dok 8) sabiex jitolbu lura l-oggetti maqbuda stante li l-izball kien wiehed genwin kif ikkontemplat fl-Artikolu 61(2) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi kif jidher mill-fatti suesposti u kif ukoll mill-kontenut tal-avviz mibghut mir-rikorrenti (vide Dok 7) dan huwa kaz ta' zball genwin u mill-fatti jirrizulta li ma' kien hemm l-ebda intenzjoni li jsir xi qerq jew li tigi evitata xi taxxa jew xi forma ta' dazju li kellha tithallas fuq il-brandy, u li n-nuqqas ta' dikjarazzjoni kien biss ir-rizultat ta' nuqqas ta' ftehim bejn ir-rikorrent Cachia u l-imsemmi Stephen Vella.*

*Illi l-intimat, minkejja l-Avviz moghti mir-rikorrenti, baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellhom jigu ntavolati dawn il-proceduri.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara li n-nuqqas ta' dikjarazzjoni maghmulha mill-agent ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti kienet tikkostitwixxi zball genwin.*

*2. Prevja kull ordni ohra talvolta mehtiega u necessarja tordna lill-konvenuti sabiex thassar, tikkancella u tirrevoka n-Nota ta' Qbid bin-numru 29/2012.*

*3. Tordna l-helsien tal-oggetti maqbuda permezz tan-Nota ta' Qbdi bin-numru 29/2012.*

*4. Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jrodd lura l-oggetti maqbuda permezz tan-Nota ta' Qbid bin-numru 29/2012.*

*Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana fejn espona illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin.*

*Illi l-fatti tal-kaz huma s-segwenti:*

*Illi permezz tan-Nota ta' Qbid bin-numru ta' Referenza 29/2012, huwa qabad (600) sitt mitt flixkun, specifikament (100) mitt kaxxa b'sitt (6) flixken ta' 70cl kull wiehed Napoleon French Brandy li kienu fil-container li r-rikorrenti mportaw permezz tad-dokument doganali datat 6 ta' Dicembru 2011 u li jgib in-numru ta' Referenza 2011601639243;*

*Irrizulta li effettivament l-imsemmi container kien fih konsenja ta' nbid u kwantita' ta' Brandy filwaqt li l-istess dikjarazzjoni pprezentata mir-rikorrenti kienet tiddikjara unikament inbid;*

*Illi peress li l-istess Brandy ma' kienx dikjarat taht tariffa doganali li tiskatta rata ta' dazju ghola minn dik li tapplika ghall-inbid, irrizulta li kien hemm dikjarazzjoni skorretta ghal fini ta' hlas ta' taxxa tas-SISA, bir-rizultat li ma' ngabarx ammont sostanzjali ta' flus dovuti lid-Dwana fuq l-istess Brandy.*

*Ghalhekk, dik id-dikjarazzjoni saret bi ksur tal-Artikoli 18, 61(1) u 62(m) u tal-paragrafu (a) tal-proviso ta' l-istess Artikolu 62 tal-Kap 37 (l-Ordinanza tad-Dwana) u tal-Kap 382 (l-Att dwar Dazju tas-Sisa) tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi fir-rigward tad-disa' premessa tar-rikorrenti l-esponent jirrileva li huwa mexa ai termini ta' l-Artikolu 72 tal-Kap 37 u qed jagixxi partikolarment a tenur ta' l-Artikolu 62(m) tal-Kap 37 stante li jidher li r-rikorrenti agixxew b'mod traskurat u negligenti a skapitu ta' l-erarju doganali dovut fuq l-istess konsenja.*

*Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali ta' Patrick Cellars Limited u Vincent Cachia pprezentata fil-31 ta' Jannar, 2013.*[1]

*Rat in-nota responsiva tad-Direttur Generali (Dwana) pprezentata fil-31 ta' Mejju, 2013.*[2]

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-fatti saljenti jinsabu ben esposti fir-rikors promotur u fir-risposta u ghalhekk il-Qorti ma thossx il-htiega li terga' tirrepetihom.*

*Dak li trid tiddeciedi din il-Qorti huwa jekk l-ommissjoni tar-rikorrenti li jiddikjaraw il-konsenja tal-brandy lill-intimat kienx zball genwin kif qed jissottomettu huma, jew jekk ir-rikorrenti agixxewx b'mod traskurat u negligenti kif qed jissottometti l-intimat.*

[1] Fol 43 tal-process
[2] Fol 53 tal-process

*Fix-xhieda tieghu, ir-rikorrent Vincent Cachia spjega illi wara li waslet il-konsenja in ezami, huwa qabbad lil certu Stephen Vella sabiex jiehu hsieb li jsir il-process tal-clearance mid-Dwana, kif kien jaghmel is-soltu u ghaddielu d-dokumenti kollha sabiex ikun jista' jaghmel dan, fosthom l-invoice u l-Accompanying Administrative Document (AAD), li fihom kien hemm elenkati il-mitt (100) kaxxa brandy. Vincent Cachia ammetta illi meta gie mistoqsi minn Stephen Vella dwar x'kien fih il-container, Cachia kien qallu li l-container kien fih inbid – minghajr ma' semmielu l-element ta' brandy. Vincent Cachia stqarr ukoll illi s-socjeta' Patrick Cellars Limited timporta bejn 50 u 55 container fis-sena, u ghalhekk ikollhom medja ta' container jidhol f'Malta fil-gimgha. Qal ukoll li f'dan il-kaz, l-ordni kienet saret xhur qabel wasal il-container. Dawn il-fatti ma humiex kontestati mill-intimat.*

*Illi meta Stephen Vella kien qed idur id-dokumenti, jidher li sfuggielu l-fatt illi kien hemm xi kaxxi ta' brandy. Fix-xhieda tieghu, Vella jipprova jispjega l-izball tieghu billi jghid li fl-invoice il-brandy in kwistjoni kien elenkat bhala "Eau de Vie de Vin" fejn il-kelma "Vin" tfisser inbid bil-lingwa Franciza, u ghalhekk skont hu hadha for granted li kien inbid.*

*Illi mill-provi jirrizulta illi l-izball gie skopert mill-Fizzjal tad-Dipartiment tad-Dwana mid-dokumentazzjoni li gietipprezentata lill-ufficjali tad-Dwana mir-rikorrenti u minn Stephen Vella, stess, senjatament ghaliex l-invoice u l-ADD kienu jsemmu l-brandy u mhux ghax fizikament infetah il-container.*

*In vista tas-suespost, il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti ma kellhomx intenzjoni li jqarrqu bl-intimat billi ma jiddikjarawx il-kontenut kollu tal-container, ghax kieku ma kienux jaghtu lill-istess intimat dokumenti li jindikaw*

*b'mod l-iktar dettaljat x'inhu l-kontenut tal-container u li espressament kienu jsemmu l-mitt (100) kaxxa brandy.*

*Min-naha l-ohra dan ma jfissirx li r-rikorrenti ma kienux negligenti fid-dikjarazzjonijiet li jaghmlu mal-intimat. Skont l-Artikolu 1032 tal-Kodici Civili jippreskrivi illi:*

*"(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

*(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar."*

*Ghaldaqstant mhux kull zball zghir jammonta ghal negligenza kulpabbli.*

*Ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni jekk ir-rikorrent Cachia kienx negligenti jew le, li bejn wiehed u iehor ihabbat wiccu ma' container fil-gimgha, il-Qorti tista' tifhem kif go mohhu dan il-container kien ghalih jikkwalifika bhala "container inbid", stante li l-percentwali ta' brandy kien tassew baxx meta mqabbel ma' dak ta' inbid. In oltre, kif xehed Cachia stess, ghaddew xhur minn meta saret l-ordni sa meta attwalment wasal il-prodott gewwa Malta u ghalhekk huwa facilment koncepibbli li wiehed jinsa' dettal zghir bhal dan, u cioe mitt (100) kaxxa brandy fost total ta' elfejn mija u hdax (2111)-il kaxxa ta' l-inbid. Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti Cachia ma kienx negligenti, izda kkommetta zball zghir li kien genwin fit-termini ta' l-Artikolu 61(2) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni jekk l-agent tar-rikorrenti, Stephen Vella, kienx negligenti jew le, l-Qorti tirrileva, kif fil-fatt jirrileva l-intimat fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu, li fl-invoice hdejn il-kliem "eau de vie de vin" hemm miktuba l-kelma "brandy" u li l-kontenut kien fih 36% alcohol by volume*[3]*, li ghal persuni f'dan in-negozju mill-ewwel jindika li dan il-prodott certament mhux inbid, u l-kelma "brandy" kienet miktuba fl-ADD.*[4] *Pero min-naha l-ohra, meta huwa staqsa lir-rikorrent Cachia x'fih il-container, dan ta' l-ahhar qallu li kien fih inbid u bi zvista ma semmilux il-brandy. Ghalhekk, wiehed jifhem illi Vella kien diga' mentalment predispost illi kien ser ikun qed jitratta esklussivament dwar inbid. Inoltre mix-xhieda mhux kontestata tieghu, huwa ilu jaghmel il-karti ghal dawn l-iskopijiet ghal Patrick Cellars Limited ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin u qatt ma kellu problema bhal din. Ghaldaqstant, ghalkemm Vella kien obbligat li jifli d-dokumenti moghtija lilu, fl-opinjoni kkunsidrata ta' din il-Qorti, ma jistghax jinghad li fic-cirkostanzi kollha Vella ma' ezercitax id-diligenza ta' bonus pater familias, izda kkommetta zball zghir li kien genwin fit-termini ta' l-Artikolu 61(2) tal-Kapitolu 37.*

*Ghal dawn il-motivi, il-Qorti:*

*1. tilqa' l-ewwel talba fir-rikors promotur u tiddikjara li n-nuqqas ta' dikjarazzjoni maghmula mill-agent ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti kienet tikkostitwixxi zball genwin,*

*2. prevja li r-rikorrenti ihallsu fi zmien sebat (7) ijiem mil-lum kull ammont fiskali minnhom dovut lill-intimat ghall-importazzjoni tal-brandy in kwistjoni, tordna lill-intimat sabiex ihassar, jikkancella u jirrevoka n-Nota ta' Qbid bin-numru 29/2012;*

---

[3] Ara pagna 2 ta' l-*invoice* datata 14 ta' Novembru 2011 ipprezentata mar-rikors promotur.
[4] Ara l-ADD ezebit mar-rikors promotur a fol. 15 tal-process.

*3. prevja li r-rikorrenti ihallsu fi zmien sebat (7) ijiem mil-lum kull ammont fiskali minnhom dovut lill-intimat ghall-importazzjoni tal-brandy in kwistjoni, tordna l-helsien tal-oggetti maqbuda permezz ta' Nota ta' Qbid bin-numru 29/2012;*

*4. tordna lill-intimat biex, fi zmien xahar minn meta r-rikorrenti ihallsu kull ammont fiskali minnhom dovut lill-intimat ghall-importazzjoni tal-brandy in kwistjoni, jrodd l-oggetti maqbuda permezz tan-Nota ta' Qbid bin-numru 29/2012.*

*Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet".*

Illi l-appellanti Direttur Generali (Dwana) appella minn din is-sentenza fit-termini ta' żewġ aggravji. L-ewwel aggravju tal-appellanti jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-provi mressqa quddiemha ai termini tal-Artikolu 61(2) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta. It-tieni aggravju tal-appellanti jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-ligi meta irreferit ghall-Artikolu 1032 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ikkonkludiet li fil-kaz odjern *"...mhux kull zball zghir jammonta ghal negligenza kulpabbli",* stante li l-kaz irid jigi inkwadrat fl-ambitu tal-ligijiet specjali u cioe'l-Artikoli 18, 61(1)(b), 61A u 62(m) tal-Kapitolu 37 u l-Artikolu 16(i) tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mis-sentenza impunjata kif ukoll mill-atti johorgu is-segwenti fatti saljenti:

Illi permezz tan-Nota ta' Qbid bin-numru ta' Referenza 29/2012, l-appellanti Direttur Generali (Dwana) qabad (600) sitt mitt flixkun, specifikament (100) mitt kaxxa b'sitt (6) flixken ta' *70cl* kull wiehed *Napoleon French Brandy* li

kienu fil-*container* li r-rikorrenti appellati importaw permezz tad-dokument doganali datat 6 ta' Dicembru 2011 u li jgib in-numru ta' Referenza 2011601639243;

L-imsemmi *container* kien fih konsenja ta' inbid kif ukoll kwantita ta' *Brandy,* filwaqt li l-istess dikjarazzjoni pprezentata mir-rikorrenti appellati kienet tiddikjara *unikament* inbid.

Illi t-tariffa doganali tal-*brandy* tiskatta rata specifika ta' dazju tas-SISA li ma tapplikax ghall-inbid stante li l-inbid huwa *zero rated*. Peress li l-*brandy* ma kienx dikjarat, jirrizulta li kien hemm dikjarazzjoni skorretta ai fini ta' hlas tad-dazju tas-SISA, bir-rizultat li ma ngabarx l-ammont li kellu jithallas bhala dazju tas-SISA fuq l-istess *Brandy,* kif ukoll it-taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-istess dazju tas-SISA dovut lid-Dwana. L-ammonti dovuti kienu jammontaw ghal €2230 u cioe €1890 f'dazju tas-SISA u €340 taxxa fuq il-valur mizjud.

Illi fl-ewwel aggravju, l-appellanti jgħid illi l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni skoretta tal-provi meta ikkonkludiet illi kien hemm żball ġenwin da parti tal-appellati fid-dikjarazzjoni doganali. Bi kritika jissottometti illi bejn il-fatura illi kienet tispeċifika inbid u brandy, u d-dikjarazzjoni illi kienet tispeċifika inbid biss għadda xahar biss. Jgħid ukoll illi l-appellati kienu nies midħla sew tas-settur kif ukoll huma nies li jafu li l-inbid huwa *zero rated* fir-rigward tas-SISA filwaqt illi brandy jattira s-SISA. Ghalhekk isostni illi għab-bażi ta' dan, il-konsiderazzjoni u allura l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti kienet erroneja, specjalment fid-dawl tal-fatt illi l-fattura kienet tispeċifika b'mod ċar in-numru ta' kaxxi għall-inbid u brandy

Minn eżami tad-deċiżjoni mogħtija jirriżulta illi dik il-parti tas-sentenza impunjata li dwarha jilmenta l-appellanti fl-ewwel aggravju hija sostanzjalment ibbażata fuq apprezzament ta' fatt. Illi gie kostantement ritenut illi:

> *Kif konoxxut, fil-kazijiet ordinarji quddiem tribunali din il-Qorti ta' revizjoni ma tindahalx, hlief f'kazijiet eccezzjonali, u ghal motivi gravi, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta' l-ewwel tribunal fir-rigward tal-apprezzament tal-provi (***Kollez. Vol XXXVII pI p56***). Il-Qorti tat-tieni grad kellha biss taghmel dan jekk tkun sodisfatta illi altrimenti tkun ser tigi kawzata ngustizzja manifesta ("***J. Walker noe –vs- R. Pizzuto***", Appell, 6 ta' Ottubru 1999). Li jfisser allura, illi fejn, wara ri-konsiderazzjoni tal-atti kollha processwali, jitnissel fiha l-konvinciment illi l-provi prodotti ma kienux u ma setghux iwasslu ghall-konkluzjoni raggunta, l-Qorti ta' revizjoni kienet fid-dmir li tiddelibera s-sentenza u anke tqeghda in disparte. Dan premess bhala konsiderazzjoni ta' indoli generali ghal kazijiet kollha.* - **Chircop Stephen Vs Caruana Mary Grace**, 28/04/2004, AC,

Din il-Qorti ma tħossx illi għandha tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi miġbura quddiemha, ġialadarba ma jirriżultalhiex illi tali apprezament kien zbaljat tant illi iwassal ghal inġustizzja manifesta. Kull ma għamlet l-ewwel Qorti kienet kostatazzjoni fattwali dwar jekk in-nuqqas ta' dikjarazzjoni magħmula mill-aġent għan-nom ta' Patrick Cellars Limited kenitx tikkostitwixxi żball ġenwin. L-Ewwel Qorti kienet sodisfatta, wara li semghet lin-nies kollha involuti jixhdu *viva voce* quddiemha, illi l-verżjoni tar-rikorrenti kienet ikkoraborata mill-fatti. Hija ta' rilevanza l-fatt illi l-ommissjoni maghmula mill-appellati u l-agent taghha Stephen Vella giet a konoxxenza ta'l-awtoritajiet doganali mhux ghax saret xi spezzjoni fizika tal-kontejner mill-ufficjali tad-dwana izda ghaliex kienet tirrizulta *ictu oculi* minn

semplici qari tal-*Accompanying Administrative Document* (AAD), li kien jindika car u tond illi fil-kontejner kien hemm inbid kif ukoll il-brandy. Dan il-fatt iwassal lil din il-Qorti għall-konklużjoni illi l-appellati wettqu żball ġenwin meta naqqsu illi jiddikjaraw il-brandy, għaliex kieku kellhom l-intenzjoni illi jqarrqu bl-awtoritajiet, dawn ma kienux jgħaddulhom dawn id-dokumenti. Il-fatt ukoll illi kien għadda ċertu żmien mid-data meta saret l-ordni għad-data tad-dikjarazzjoni kif ukoll billi l-kwantita ta' kaxex tax-xorb illi kienu jimportaw l-appellati kien sostanzjali, mehuda flimkien jgħollu l-possibilita ta' żball. Dan iwassal lil din il-Qorti illi tkun konvinta illi l-iżball kien wieħed ġenwin bhal kif ikkonkludiet gustament l-Ewwel Qorti. Fl-aħħar mill-aħħar, din  il-Qorti hija tal-fehma ukoll illi l-kliem *eau de vie de vin* seta' jwassal ghal tfixkil f'moħħ Stephen Vella illi eventwalment għamel dik id-dikjarazzjoni doganali żbaljata. Kwindi din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fil-konklużjoni illi wasslet għaliha l-Ewwel Qorti illi n-nuqqas ta' dikjarazzjoni magħmula mill-aġent għan-nom tas-soċjeta rikorrenti kien żball ġenwin, u dan l-ewwel aggravju, ghalhekk, għandu jiġi miċħud.

Illi t-tieni aggravju tal-appellanti jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-ligi meta irreferit ghall-Artikolu 1032 tal-Kapitolu 16. Jgħid illi f'dan il-każ għandhom japplikaw  l-Artikolu 62(m) tal-Kapitolu 37 u l-Artikolu 16(i) tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi jilmenta illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-ligi meta applikat l-artikolu 1032 tal-Kapitolu 16 ghal fattispecje ta' dan il-kaz.

Jibda sabiex jingħad illi l-ewwel talba quddiem L-Ewwel Qorti kienet sabiex jigi iddikjarat illi n-nuqqas ta' dikjarazzjoni doganali magħmula mill-aġent għan-nom tas-soċjetà rikorrenti kienet tikkostitwixxi żball ġenwin.  Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar din it-talba, l-Ewwel Qorti, korrettament, analizzat s-subartikolu 1 tal-artikolu 1032 u ikkonkludiet illi Cachia ma kienx

negliġenti meta naqas illi jiddikjara l-*brandy,* iżda ikkommetta żball żgħir u ġenwin. Ma għandux raġun l-appellanti jgħid illi l-artikolu 1032 ma japplikax, għaliex ma hemm xejn fil-ligijiet specjali li b'xi mod jeskludi l-applikazzjoni tal-principju generali ta' dritt kif enuncjat fl-artikolu 1032 tal-Kodici Civili.

Din il-Qorti tosserva illi l-artikolu 1032, iqieghed fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Fil-kawza **Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et** (PA 3.10.2003) ġie ritenut:

> "Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-*bonus paterfamilias."*

Jiġifieri ma kien hemm xejn skorrett meta l-Ewwel Qorti irreferiet għal dan l-artikolu tal-liġi, sabiex tistabilixxi jekk l-appellati kenux naqsu milli juzaw dik il-prudenza u diligenza fl-eghmil taghhom u li fin-nuqqas taghhom huma ghandhom iwiegbu. L-Ewwel Qorti użat dan it-test sabiex tistabilixxi jekk kienx hemm xi nuqqas mir-rikorrenti taht il-ligijiet specjali ta' dwana billi hemhekk il-ligi tistabilixxi zewg binarji ghal htija penali fil-ligijiet doganali u cioe' ix-xjenza u in-negligenza. Illi f'dan il-kaz l-apprezzament illi ghamlet l-Ewwel Qorti tal-atti probatorji abbinati mal-principju generali skond il-ligi li tistabilixxi l-elementi ta' negligenza (billi f'dan il-kaz l-element tax-xjenza gie eskluz), kien wiehed ragonat u kwindi lanqas dan l-aggravvju ma jisthoqq akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud, s-sentenza appellata ikkonfermata bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------